ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IT-TMIEN KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 11 It-Tlieta, 7 ta' April 2020**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 7 t'April 2020, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Renald Falzon (Sindku),
Dr Josef Masini Vento (Viċi Sindku)
Jerome Caruana Cilia (Kunsillier)
Donnha Barbara (Kunsillier),
Charlie Cuschieri (Kunsillier),
Daniel Ablett (Kunsillier),
Marvin Zammit (Kunsillier),
Martina Grech (Kunsillier)
Ralph Puli (Kunsillier)
Sean Apap Meli (Kunsillier),
George Muscat (Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ĦADD**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**TALBA**

Is-Sindku Renald Falzon ippresieda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi organizzata permezz ta' *video-conferencing* minħabba l-imxija tal-COVID-19.

**10/01** **KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 10**

**Is-Sindku Renald Falzon** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 10 li nżammet nhar it-Tnejn, 2 ta' Marzu 2020 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

Il-**Kunsillier Marvin Zammit** ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il Kunsillier (11**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**10/02** **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**10/02/01** **Is-Sindku Renald Falzon** fetaħ il-laqgħa billi awgura lill-waħda mill-impjegati tal-Kunsill li ftit tal-ġranet ilu saret omm. Il-membri awguraw lill-impjegata u l-familja kollha għat-twelid ġdid fil-familja.

**10/02/02** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma lill-membri li matul l-aħħar ġimgħat tkompla x-xogħol ta' tindif fil-ġonna li għandna madwar il-lokalita', flimkien ma' xogħol ta' żbir ta' siġar.

**10/02/03** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li tkompla x-xogħol ta' taħwil ta' siġar minn Infrastructure Malta, fosthom fi Ġnien Ġorġ Zammit u fi Triq l-Imdina 'l parti ta' fuq.

**10/02/04** **Is-Sindku Renald Falzon** qal li bħalma jaf kulħadd bħalissa l-pajjiż għaddej minn żmien diffiċli minħabba l-imxija tal-Covid-19, fejn minkejja l-isfidi kollha li pandemija bħal din iġġib magħha l-ħidma tal-Kunsill baqgħet għaddejja b'mod normali. Fil-fatt sabiex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati, ingħalaq b'mod temporanju l-Customer Care tal-Ground Floor u s-servizz qed jingħata mis-sular ta' fuq. Sar avviż mal-bandli u l-5-a-side grounds, ingħalqu l-letrini pubbliċi, sar diżinfettar tal-letrini u uffiċini, ingħalqu l-letrini pubbliċi. Miżuri oħra li se jittieħdu huma li se jitwaqqaf l-użu tal-wifi in public spaces u se jitgħattew il-bankijiet.

**10/02/05** **Is-Sindku Renald Falzon** faħħar l-inizzjattiva ta' dawk il-membri li qed jieħdu ħsieb l-idea tal-Food Bank u fuq dan l-ispunt is-Sindku ppropona li jitwaqqaf fond mill-memri fejn kulħadd jagħti li jista' u s-somma li tinġabar tingħata lill-Arċiprieti tal-lokalita'.

**10/03** **MOZZJONIJIET**

**10/03/01** **Mozzjoni Nr 42 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli**

Bhala Kunsill Lokali Hal Qormi, ghandna niehdu l-okkazzjoni li niehdu hsieb il-wirt storiku ta' beltna. Kunsilli Lokali oĦra, waqfu slaleb sabiex ifakru okkaŻjoni, aĦna f' Beltna għandna Salib tad-Dejma, li qiegħed hemm sabiex jiġi kważi vandalizzat jew jintrema l-iskart madwaru.

Għalhekk, peress li fl-inħawi tal-Ħandaq hemm ċertu bankini wiesgħa qed nipproponi jekk storikament ikun possibli li dan jiċċaqlaq għal faċċata u jiġi restawrat.

**Is-Sindku Renald Falzon** u l-**kunsillier George Muscat** issekondaw il-mozzjoni.

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li fil-passat diġa kien hemm mozzjoni sabiex dan jiċċaqlaq u jinsab f'diskussjoni mal-Ministru sabiex dan jiċċaqlaq u jsir fuq il-bankina l-wisgħa tal-faċċata.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il Kunsilliera (11**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**10/03/02** **Mozzjoni Nru 43 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli**

Peress li s-sistema tal-ħoss tal-online streaming hija waħda batuta u tagħmilha diffiċli sabiex wieħed isegwi dak li jkun qed jintqal mill-kunsilliera.

Qed nipproponi sabiex isir dak l-investiment meħtieġ sabiex ikun jista' jiġi segwiet aħjar dak li jkun qed jintqal mir-rappreżentanti tal-poplu waqt is-seduta.

**Is-Sindku Renald Falzon** issekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il Kunsilliera (11**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**10/03/03** **Mozzjoni Nru 44 imressqa mis-Sindku Renald Falzon**

Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' € 2000 sabiex jintużaw għal xiri ta' kotba għal-Librerija Reġjonali u Librerija Lokali li għandna fil-lokalita'.

Din l-ispiża se tkun qed tinqasam b'mod ugwali fuq iż-żewġ libreriji.

Il-**Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il Kunsilliera (11**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**10/04** **SKEDA TA' ĦLASIJIET**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2020.

**Il-Kunsillier Dr Josef Masini Vento** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier George Muscat** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2020.

**10/05** **Korrispondenza**

Talba għal nuqqas ta' ħlas ta' kera tal-Kiosk fi Vjal de la Cruz minħabba l-Covid-19. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli talab li l-Kunsill ikollu kopja tal-kont tad-dawl tal-ilma tal-gabbana. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi straordinarji li jinsab fihom il-pajjiż il-Kunsill approva li tinqata' l-kera b'effett mis-7 t'April 2020.

**10/06 SOTTO KUMITATI**

**10/06/01** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** infurma dwar il-laqgħa li kellu ma' MEUSAC dwar fondi tal-EU, b'mod partikolari għall-proġett tal-ħitan tas-sejjiegħ, fejn il-Periti ġew ingaġġati sabiex jagħmlu l-istimi meħtieġa.

**10/06/02** **Il-Kunsillier George Muscat** staqsa fhiex wasal ix-xogħol ta' nstallar ta' bicycle stands. Il-Kunsillier George Muscat ippropona li dawn l-istands isiru f'dawn iz-zoni;

Triq il-Kanun, ħdejn Challenger Gymnasium
Triq Tal-Ħandaq, ħdejn l-iskola
Pjazza tal-Granmastru
Zona ta' Farżina

**10/06/03** **Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri** talab li tiġi nstallata mera fi Triq l-Isqof Scicluna ma Triq Dun Marju.

**10/06/04** **Il-Kunsillier Martina Grech** infurmat li qed taħdem fuq il-proġett ta' Youth Exchange, fejn l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa sa Ottubru. Il-Kunsillier Grech spjegat li kienet se ssejjaħ laqgħa għall-għaqdiet taż-żgħażagħ, iżda minħabba l-pandemija dan ma kienx possibli.

**10/06/05** **Il-Kunsillier Martina Grech** ġibdet l-attenzjoni dwar l-użu tac-chat soċjali li hemm bejn il-membri u ġibdet l-attenzjoni li kulħadd għandu jifhem li x'jingħad f'din ic-chat m'għandux jittieħed bħala deċiżjoni mill-Kunsill, għaliex il-Liġi tobbliga li kull deċiżjoni għandha tiġi diskussa u approvata waqt laqgħa tal-Kunsill.

**10/06/07** **Il-Kunsillier Josef Masini Vento** nfurma li l-foodbank infetaħ u huwa miftuħ għal kulħadd u ħeġġeġ lill-membri sabiex jekk jistgħu jagħtu sehemhom f'dan is-servizz. Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa jekk hemmx konkorrenza mir-residenti sabiex jipparteċipa.

**10/06/08** **Il-Kunsillier Daniel Ablett** ġibed l-attenzjoni u nfurma li jħossu ddispjaċut meta ttelgħet post fuq facebook fejn qal li ma nstabitx koperazzjoni mill-Kunsill.

**10/06/09** Il-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma lill-membri dwar skart mormi fil-korsija tal-ilma f'Wied is-Sewda. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se jkun qed jiġi mgħoddi rapport formali lil Valleys Management.

**10/06/10** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** qal li l-idea tal-foodbank kienet li ngħinu lir-residenti fil-bżonn.

**10/06/11** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa dwar it-tabelli ta' No Parking eżistenti fi Triq il-Wied, jekk hux se jibqgħu applikabbli issa li ġej is-Sajf. Is-Sindku spjega li dawn it-tabelli kienu saru fuq ordni tal-Qorti u ħadd ma jrid jinsa li fil-ġranet tas-Sajf mhux l-ewwel darba li għamel il-maltemp.

**10/06/12** **Il-Kunsillier Martina Grech** talbet li tkun skużata. Hiija ħarġet mil-laqgħa fit-8.00p.m.

**10/06/13** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa għaliex ma tkomplitx il-bankina fi Triq Ġużeppi Ciappara. Is-Sindku spjega li biex isiru l-bankini fil-kumplament tat-triq, jeħtieġ li t-triq tiġi one-way u meta l-Kunsill ikkonsulta mar-residenti, l-maġġoranza tagħkom riedu li s-sistema tat-traffiku tibqa' kif inhi, two-way.

**10/06/14** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar parkeġġ abbużiv fi Triq San Bastjan, minn l-istatwa ta' San Bastjan 'l isfel u talab li ssir talba għall-infurzar.

**10/06/15** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar vettura bajda mingħajr pjanċi mitluqa fi Triq il-Bħajra, fejn saħansitra għandha ċitazzjoni fuqha. Infurma wkoll li fi Triq il-Kummerċ hemm vann abjad kbir bi pjanċi taljani bl-isticker tal-Pulizija, l' ġewwa minn Ġnein iż-Żgħożija.

**10/06/16** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar l-għeluq ta' Triq Santa Katerina minħabba l-mużew fejn it-triq tingħalaq bl-assistenza tal-uffiċjali tal-komunita' u t-traffiku jgħaddi minn Triq San Pietru. Is-Sindku spjega li din hija miżura ta' sigurta' għat-tfal li jattendu l-mużew. Fil-bidu tal-leġislatura kienu ġew installati tabelli sabiex t-traffiku ma jinżilx lejn Triq Santa Katerina, iżda r-residenti oġġezzjonaw bi kbir u kien għalhekk li t-traffiku baqa' jiġi ddevjat għal Triq San Pietru.

**10/06/17** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa issa li tlesta l-proġett ta' Centerparc, sarux traffic counts għaliex bil-proġett tal-Korsa tal-Marsa, se jiżdied it-traffiku. Is-Sindku spjega li fix-xhur li għaddew kellu laqgħa ma' Transport Malta fejn ġiet diskussa din il-kwistjoni u saret proposta biex Triq l-Iljun issir One-Way. Is-Sindku nfurma li s'issa ma kellu l-ebda nformazzjoni meta dan kollu se jidħol fis-seħħ.

**10/06/18** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni li fil-passat, fi Pjazza San Franġisk, quddiem il-Madonna ta' Lourdes kien hemm parking space fejn il-vetturi setgħu jipparkjaw. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din il-parking space kienet tneħħiet. Is-Sindku Renald Falzon infurma li għandu jiddiskuti mal-Perit tal-Kunsill sabiex issir parking management adegwat f'din iz-zona.

**10/06/19** **Il-Kunsillier George Muscat** staqsa jekk hux possibli li jibda' jkun hemm uffiċjal tal-komunita' fejn l-iskola tal-Ħandaq, waqt il-ħruġ tal-istudenti, għaliex qed ikun problemi bit-transport.

**10/06/20** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma lill-membri li l-bring-in site eżistenti fi Triq id-Deheb Fin jitneħħew. Is-Sindku nfurma li se jkun qed jipproponi li dawn is-sites jiġu mmexxija għal Triq is-Santwarju Madonna tal-Ħlas.

**10/06/21** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab li terġa' tiġi nstallata l-mera fi Triq il-Kbira opp Triq l-Arkata.

**10/06/22** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li fi Triq Ħal Luqa hemm tappiera tad-drenaġġ tħabbat. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet aktar dettalji ta fejn tinsab din it-tappiera sabiex ikun possibli jsir rapport lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

**10/06/23** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab li l-Kunsill jieħu azzjoni dwar il-problema tal-ilma tax-xita fi Triq San Franġisk k/m Triq San Pawl. Il-Kunsillier Ralph Puli ġibed l-attenzjoni sabiex nagħmlu kuntatt mal-kuntrattur l-antik u naraw il-kuntratt. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni xi struzzjonijiet ingħataw mill-Perit u jekk kemm-il darba x-xogħol ġie ċċertifikat, il-Kunsill ma jistax iżomm lill-kuntrattur responsabbli.

**10/06/24** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar il-paving blocks fi Ġnien is-Sajf u ħdejn il-blokki tal-flats f'Ta' Farżina, fejn kien hemm xi blokki qed jiċċaqilqu. Is-Sindku nfurma li l-kuntrattur reġa' mela' l-paving blocks bil-ħamrija.

**AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar it-Tnejn, 4 ta' Mejju 2020 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.45 ta' filgħaxija.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| Renald Falzon<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum, 4 ta' Mejju 2020.